MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2398/2002

**Carmel Formosa**

**vs**

**Edgar Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u sebgha u sebghin lira Maltin (Lm177) rappresentanti xoghol maghmul mill-attur fuq ordni ta’l-istess konvenut fuq magna ta’ karozza.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta’ Ottubru 2002, fejn gie ecceppiet illi t-talba ta’l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dana peress li s-servizz rez mill-attur meta hadem fuq il-magna proprjeta tal-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' l-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra,

Illi l-uniku xhieda li gew prodotti f'din l-istanza kienu il-partijiet stess fil-kawza, li taw il-verzjoni taghhom ta' kif graw il-fatti. L-attur li ghandu sengha ta' *mechanic* ighid illi kien biegh magna tal-karozza lill-konvenut. Kien hwua stess illi ghamel ix-xoghol ta' rimpjazzar ta'l-istess magna. Huwa jispecifika illi biegh lill-konvenut 'l hekk imsejjha blokka tal-magna li ma tinkludiex ic-*cylinder head*. Ghalhekk ic-*cylinder head* baqghet dik tal-magna l-antika. Wara li lesta dan ix-xoghol l-konvenut beda jilmenta ma'l-attur illi l-magna kienet qed taghmel iz-zejt. Fl-opinjoni ta'l-attur ir-raguni ghal dan, kienet ic-*cylinder head* l-antika. Il-konvenut hallas parti mill-prezz li kien dovut, pero' l-attur ighid li ma jiftakarx kemm kien dan l-ammont. L-konvenut irrifjuta ihallas il-kumplament tal-prezz minhabba il-fatt illi l-magna baqghet tghamillu z-zejt. Ghalkemm l-attur jallega illi huwa offra kemm il-darba lill-konvenut sabiex jerga' jaralu l-karozza, izda l-konvenut baqa' qatt ma hadlu l-karozza u dana ghaliex fl-opinjoni ta'l-attur l-intenzjoni tieghu kienet illi huwa ma ihallasx il-bilanc dovut.

Fil-kors tax-xhieda tieghu l-attur ighid illi l-konvenut fadallu ihallas l-ammont ta' Lm170. L-attur ikompli jixhed illi huwa kien ha ic-*cylinder head* ghand persuna ohra Hal Qormi bl-isem ta' Mike's Service Station u din il-persuna kienet ikkonfermatlu illi l-hsara kienet gejja minn dan ic-cylinder head. Madanakollu mistoqsi in kontro-ezami, l-attur ighid illi meta kien fil-fatt bidel il-magna ic-*cylinder head* kienet ghadha wahda tajba, izda meta kien rega' zarma il-magna u hadha ghand il-persuna imsemmija gewwa Hal Qormi, irrizulta illi kien hemm xaqq fic-*cylinder head*, li bil-kemm kienet tidher, izda huwa ighid illi meta tishon il-vettura, iz-zejt jinfirex ma kullimkien.

Il-vettura damet hames xhur tissewwa ghand l-attur u huwa ighid illi kien iddecieda ma ibiddilx ic-*cylinder head*

ghaliex meta qala’ l-magna kien osserva illi din kienet ghada tajba. Huwa jikkonferma illi l-vettura ghadha sal-lum taghmel iz-zejt. Huwa cahad illi seta ikkaguna il-hsara fic-*cylinder head* filwaqt illi kien qieghed jaghmel ix-xoghol fuq il-magna. Huwa ighid illi l-prezz komplessiv kien ta’ Lm350.

Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi l-hsara fil-vettura tieghu sehhet dak in-nhar stess illi huwa kien gabar il-vettura minn ghand l-attur wara li kien bidillu l-magna. Ighid illi fit-triq bejn Hal Qormi u Blata il-Bajda kien hariglu iz-zejt kollu tal-vettura. Ghalhekk kien rega ha l-vettura lura ghand l-attur fejn kien zammha ghal erbat ijiem sabiex isewwieha, izda il-magna xorta wahda baqghet tghamillu z-zejt. Meta qal lill-attur, huwa kien infurmah illi kellu xaqq fic-*cylinder head*. Huwa ighid illi l-vettura illum ma juzahiex minhabba f’din il-hsara. Ighid illi lill-attur huwa kien lahaq hallsu Lm160. Ighid illi l-magna li huwa xtara minn ghand l-attur ghada sal-lum ghandu.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici peress illi x-xoghol esegwiet mill-attur fuq il-vettura tieghu meta bidillu l-magna ma sarx skond is-sengha u l-arti. Illi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-hsara li qieghed jilmenta fuqha l-konvenut fil-vettura tieghu kienet ikkagunata minn xaqq li zviluppa fic-cylinder head tal-vettura tieghu wara li l-attur biddilu l-magna kif miftiehem. Jirrizulta inoltre illi x-xoghol li kellu jaghmel l-attur kien jikkonsisti fil-bdil tal-magna fil-vettura tal-konvenut u xejn iktar, haga li jidher illi huwa ghamel kif miftiehem.

Illi kien jispetta lill-konvenut jipprova l-eccezzjoni sollevata minnu, haga illi huwa naqas li jaghmel b’mod konvincenti. Irid jigi rilevat illi l-ammont mitlub mill-attur kien jirrappresenta il-prezz tal-magna il-gdida kif ukoll hlas ghax-xoghol ta’ idejh sabiex ibiddel il-magna. Mill-kors tax-xhieda ma irrizultax illi kien hemm xi difett fil-magna il-gdida jew inkella li meta l-attur bidel il-magni huwa ma ghamilx dan kif suppost. Ma jirrizultax illi l-konvenut inkariga lill-attur sabiex jibdel ic-*cylinder head* tal-vettura

tieghu, li milli jidher kien ghadu tajjeb. X'wassal sabiex jixxaqqaq dan ic-*cylinder head* ma giex ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni illi dan sehh minhabba xi nuqqas da parti ta'l-attur. Fuq kollox lanqas it-terza persuna minn Hal Qormi li tissemma' waqt ix-xhieda tal-kontendenti u li kienet rat din ic-*cylinder head* ma tressaq bhala xhud fil-kors tal-kawza.

Illi ghalhekk l-konvenut ma irnexxielux jipprova l-eccezzjoni sollevata minnu u kwindi din l-istess eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Madanakollu fix-xhieda tieghu l-attur ighid illi l-konvenut ghad fadallu jaghtih mija u sebghin lira Maltin (Lm170) u mhux mija u seba' u sebghin lira Maltin kif mitlub fl-avviz (Lm177).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------